## L-*International Bank Account Number* (IBAN)

L-IBAN huwa standard fiss għan-numri tal-kontijiet bankarji li jidentifka b'mod uniku il-kont bankarju ta' klijent fi kwalunkwe bank madwar id-dinja. Minn Jannar 2004 il-banek kummerċjali u l-Bank Ċentrali ta' Malta bdew jinkludu l-IBAN tal-klijenti tagħhom u l-*Bank Identifier Code* (BIC) ma' l-i*statements* tagħhom. Dan kien il-bidu ta' perijodu transitorju għall-introduzzjoni ta' l-IBAN lokalment. Il-banek biss jistgħu jiġġeneraw l-IBAN tal-klijenti tagħhom.

L-*IBAN validator code in visual basic* tista' tgħin lill-banek u l-klijenti tagħhom biex jiċċekkjaw u jivvalidaw l-IBANs. Din l-*algorithm* elettronika tista' tiġi wżata mill-banek u tista' tiġi nkorporata fis-sistemi tagħhom biex jiġi ffaċilitat l-ivvalidar ta' l-IBANs. Il-Bank Ċentrali ta' Malta ma jassumi l-ebda responsabbiltà, sew espressa jew preżunta, fl-użu ta' dan il-programm elettroniku.

Eżempju ta' IBAN Malti:

| *Code* tal-pajjiż | *Check Digits* | *Swift Code* | *Sort Code* | Numru tal-Kont |
|---|---|---|---|---|
| MT | 84 | MALT | 01100 | 0012345MTLCAST001S |